# Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tielet Sena tal-Primarja

## KAP 2 – QATT MA JIEN WAĦDI

| L-Objettiv: | Il-Lingwa Reliġjuża | 3 lezzjonijiet |
|---|---|---|
| 2.1 | Kif Ngħaddi l-Ġurnata | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu kif iqattgħu l-ġurnata tagħhom.<br>2. Jiddiskutu l-ġurnata tal-ġenituri tagħhom (pe. L-omm – meta tkun ix-xogħol u d-dar). | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-ġurnata hija wisq mimlija u allura tajjeb li nagħrfu nqassmu l-ħini sew ħalli jkollni ċans nistudjaw, nilagħbu u ngħinu.<br>2. Meta l-ġenituri jaħdmu tajjeb li nagħmlu dak li għandna nagħmlu ħalli jkollna ċans inkunu kemm nistgħu magħhom. | |
| L-Attitudni | It-tfal jagħrfu li issa li qegħdin jikbru, ma jistennewx li ħaddieħor jaqdihom dejjem imma jkunu lesti li huma wkoll joffru u jagħtu l-għajnuna tagħhom. | |
| | | |
| 2.2 | Jgħinuna nikbru sew … | 2.1 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Janalizzaw l-ġurnata tal-qassis fil-parroċċa jew ta' xi persuni oħra fil-komunità u x-xogħol tagħhom.<br>2. Jifhmu kif kull tip ta' xogħol iġib l-għaqda u l-ferħ. | |

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Aħna mdawrin b'nies li jaħdmu biex jagħmlu d-dinja tagħna aħjar.<br>2. Napprezzaw ix-xogħol tagħhom u ngħidulhom 'grazzi'.<br>3. Aħna wkoll nistgħu nkunu ta' servizz għal ħaddieħor fl-ambjenti li ngħixu. | |
| **L-Attitudni** | • It-tfal jagħrfu li bħala persuni li għandhom ikunu responsabbli, huma għandhom jirċievu u jagħtu wkoll.<br>• It-tfal jiferrħu lil xi ħadd jew ngħinuh u b'hekk ikunu qed jaħdmu biex jagħmlu d-dinja sabiħa aktar. | |
| | | |
| **2.3** | **Alla ħalaq kollox tajjeb!** | **2.2** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jiftakru li Alla ħalaq kollox tajjeb u sew<br>2. Jiftakru fl-għaqda li jrid ikun hemm fejn tidħol is-saħħa, in-nuqqas ta' ħela ta' ilma, ta' karti u ta' elettriku fl-iskola biex kulħadd jaħdem flimkien għal għan wieħed.<br>3. Jiddiskutu għajnuniet konkreti ta' kif jistgħu jkomplu jtejbu l-ambjent tal-iskola, speċjalment meta jaħdmu flimkien u jgħinu lil xulxin.<br>4. Janalizzaw modi kif jistgħu jaħdmu ma' kulħadd, anke dawk ta' twemmin differenti minn tagħhom, biex tassew kulħadd ikun jista' jgħix skont ir-reliġjon tiegħu. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla ħalaq kollox tajjeb u sabiħ.<br>2. Meta naħlu nkunu qed immardu l-ambjent li qed ngħixu fih.<br>3. Naraw kif nistgħu nirreċiklaw , innaqsu l-iskart, nisseparaw l-iskart, nagħżlu enerġija naturali minn dik artifiċjali, u nerġgħu nużaw. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. Meta nieħdu ħsieb id-dinja li qed ngħixu fiha nkunu aktar b'saħħitna In-nuqqas ta' indafa u edukazzjoni iġibu l-faqar fid-dinja. | |
| L-Attitudni | • It-tfal jaħdmu flimkien għal dinja aktar b'saħħitha. Allura, jaraw li jibżgħu għal dak li għandhom u ma jaħlu qatt xejn.<br>• Ikunu ħbieb ma' kulħadd anke ma dawk li jkunu ġejjin minn pajjiżi l-bogħod. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | **3 lezzjonijiet** |
| **2.4** | **X'nistenna minn ta' madwari?** | **2.3** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu minn huma n-nies l-aktar qrib tagħhom<br>2. Jiddiskutu x'jistennew min-nies ta' madwarhom. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Biex napprezzaw lil xi persuna rridu nieqfu ftit mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum u naħsbu x'qed tagħmel dik il-persuna għalina.<br>2. Biex tassew nifhmu kemm iħobbuna, rridu naraw kemm ibatu u jaħdmu għalina.<br>3. Biex nuru li dawn il-persuni jagħmlu minn kollox għalihom rridu juru apprezzament mill-qalb. | |
| L-Attitudni | Lil dawk li jħobbuhom u jaħdmu għalihom, it-tfal juruhom apprezzament u jgħidulhom 'grazzi' ta' spiss.<br>Jitgħallmu jgħixu u jkunu kuntenti b'dak li jkunu għaddejjin minnu | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 2.5 | **Meta nkun waħdi u fi grupp** | 2.4 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu l-bżonn ta' xogħol waħdi u xogħol mal-oħrajn.<br>2. jitgħallmu x'għandhom jagħtu lura għal li jirċievu min-nies ta' madwarhom.<br>3. jannalizzaw li bħala grupp jridu jaħdmu u jgħixu flimkien<br>4. jifhmu li kull persuna għandha bżonn ix-xogħol tal-oħrajn. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-familja hija l-ewwel grupp fejn jirċievu ħafna mħabba u jitgħallmu jagħtu sehemhom.<br>2. Meta nidħlu l-iskola nitgħallmu ngħixu wkoll mal-ħbieb.<br>3. Biex jgħixu fi grupp importanti li jagħtu sehemhom, inkella jkun hemm min jaħdem iżżejjed u min ma jagħmel xejn. | |
| L-Attitudni | • It-tfal jagħtu sehemhom kull fejn ikunu, l-aktar fil-gruppi li jagħmlu parti minnhom.<br>• Ir-regoli importanti halli kollox jimxi bil-kwiet u bl-ordni. | |
| | | |
| 2.6 | **F'xi ħin jew ieħor għandi bżonnok** | 2.5 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu l-bżonn ta' xulxin<br>2. Jitgħallmu dan permezz ta' eżempji konkreti ta' nies qrib tagħhom, u ta' dawk li għexu qabilhom. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ħadd ma jista jgħix waħdu.<br>2. Kull persuna għandha bżonn lil ħaddieħor.<br>3. Meta ningħaqdu flimkien nagħmlu d-dinja aħjar milli qiegħda. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. Li tisma' lill-oħrajn, li ċċedi, li tagħti l-idea tiegħek hu tajjeb biex insiru aħjar. | |
| L-Attitudni | • It-tfal juru li jagħrfu li huma għandhom bzonn lil ħaddieħor, u allura jagħrfu jgħixu fi grupp u jaħdmu f'tim.<br>• Ma nwarrvu lil ħadd u nieħdu pjaċir b'kulħadd.. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | **2 lezzjonijiet** |
| **2.7** | **Fuq il-passi ta' Ġesù** | **2.6** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jisimgħu s-silta Mk 1:29-39 u jifhmu kif Ġesù kien iqatta' l-ġurnata tiegħu.<br>2. Jisiltu l-kwalitajiet ta' Ġesù li jidhru minn din is-silta.<br>3. Jagħrfu x'għandhom jagħmlu biex ikunu bħalu. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Qabel ma kien jiltaqa' man-nies Ġesu kien jitlob.<br>2. Xi drabi kien jitlob fis-sinagoga, drabi oħra kien ifittex xi post imwarrab il-bogħod minn kulħadd.<br>3. Lin-nies kien iħobbhom u huma kienu jħobbuh. Kienu jisimgħuh, u l-mordu jersqu lejh . U hu kien ifejjaqhom għax kien l-Iben t'Alla.<br>4. Fejjaq lil omm il-mara ta' Xmun għax kellha ħafna deni. | |
| L-Attitudni | - It-tfal jagħrfu l-kwalitajiet li kellu Ġesù u li ma żammhomx għalih u lanqas ma ftaħar bihom, avolja hu kien l-Iben t'Alla. | |

| | | |
|---|---|---|
| | - It-tfal jaħdmu biex huma wkoll, fuq l-ezempju ta' Ġesù, jagħmlu l-ġid f'ħajjithom.<br>- Isibu modi kif jistgħu jkunu ta' ġid. | |
| | | |
| **2.8** | **Kemm kienu bil-għaqal!** | **2.7** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu xi tfisser li taqdi u tħobb tassew.<br>2. Jagħtu ħarsa lejn il-ħajja ta' il-ħajja ta' San Martin de Porres.<br>3. Jisiltu x'jistgħu jieħdu mill-ħajja ta' dan il-qaddis. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù qalilna li kulma nagħmlu fost l-iżgħar minn dawn ħutu nkunu qegħdin nagħmlu miegħu.<br>2. San Martin kien fqir.<br>3. Kien iħobb ħafna lil Ġesù.<br>4. Hu waqqaf orfanatrofju għal dawk li m'għandhomx dar. | |
| **L-Attitudni** | - It-tfal jagħtu kas tal-bżonnijiet tan-nies ta' madwarhom.<br>- Jifhmu li għandhom isibu ħbieb tajbin biex inkunu nistgħu ngħinu lill-oħrajn u huma jgħinu lilna. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika** | **2 lezzjonijiet** |
| **2.9** | **Ejja Warajja** | **2.8** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li Ġesù qed jistedinhom kuljum bil-frażi "Ejja warajja". | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Jitgħallmu kif għandhom jgħixu  xi kwalitajiet għandhom iħaddnu biex jimxu wara Ġesù. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesu qed jistedinna biex nimitawh u nimxu warajh.<br>2. Biex nagħmlu dan irridu naraw x'għallimna: li l-ikbar wieħed irid ikun l-iżgħar. | |
| **L-Attitudni** | • It-tfal juru li jridu jimxu wara Ġesu'.<br>• Juru li jħobbu lill-proxxmu tagħhom u li jgħinuh f'kulma jkollu bżonn.<br>• Jifhmu li mhux sew nieħdu affarijiet li mhumiex tagħna | |
| | | |
| **2.10** | **Nimxu wara l-Imgħallem** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu kif jimxu wara Ġesù  permezz ta' eżempji konkreti. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Nimxu wara Ġesu' tabilħaqq meta nduru lejh u nitolbuh,  nittamaw fih, nitolbuh jaħfrilna, nirċevuh fl-Ewkaristija u ngħinu lil ħaddieħor. | |
| **L-Attitudni** | • It-tfal jagħzlu li jimxu wara Ġesu bħala għażla.<br>• Biex jagħmlu dan, jistaqsu ta' spiss: "Kieku Ġesu' kien minfloki, x'kien jagħmel?" | |
| | | |
| | | |